31990L0118

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tal-5 ta' Marzu 1990
fuq l-aċċettazzjoni ta' nisel pur tal-majjali ta' l-ifrat.

(90/118/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar il-livelli żootekniċi applikabbli għall-annimali ta' l-ifrat tar-razza [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi d-Direttiva 88/661/KEE hija partikolarment maħsuba sabiex gradwalment il-kummerċ intra-Komunitarju fir-nisel pur tal-majjal ta' l-ifrat tnissil pur jiġi liberalizzat; billi, b'dan il-għan, l-armonizzazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' l-aċċetazzjoni ta' dawn l-annimali għal skopijiet ta' l-ifrat hija meħtieġa;

Billi d-disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċettazzjoni għall-ifrat għandhom x'jaqsmu kemm ma' l-annimali kif ukoll mas-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom;

Billi, f'dan ir-rigward, huwa meħtieġ illi jiġu projbiti l-provvedimenti nazzjonali li jkollhom x'jaqsmu ma' l-aċċettazzjoni għal skopijiet ta' l-ifrat tal-majjali ta' nisel pur għall-ifrat u s-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom milli jikkostitwixxi projbizzjoni tal-, restrizzjoni jew ostaklu għall-kummerċ intra-komunitarju jekk fil-każ ta' servizz naturali, l-inseminazzjoni artifiċjali jew it-teħid ta' ova jew embrijuni;

Billi l-majjali femminili ta' nisel pur, l-ova tagħhom u l-embrijuni m'għandhom ikunu soġġetti għall-ebda projbizzjoni, restrizzjoni jew ostaklu in konnessjoni ma' l-ifrat;

Billi inseminazzjoni artifiċjali tikkostitwixxi teknika importanti għaż-żieda ta' l-użu ta' l-itjeb nissiela u, għalhekk, għat-titjib ta' speċi proċoni; billi billi jagħmlu hekk, madanakollu, kwalunkwe *imperment* ta' pedigree jrid ikun evitat, partikolarment fir-rigwad ta' nissiela rġiel, liema jrid ikollhom il-garanziji kollha tal-valur ġenetiku tagħhom u tal-helsien tagħhom mid-difetti ereditarji;

Billi huwa għalhekk neċessarju biex tagħmel distinzjoni bejn l-aċċettazzjoni ta' inseminazzjoni artifiċjali jew ta' razza ta' majjala għat-tnissil pur u tas-semen tagħhom liema jkun sarilhom testijiet uffiċjali għat-tnissil tagħhom fi Stat Membru u l-aċċettazzjoni tagħhom biss għal skop ta' testjar uffiċjali;

Billi huwa għalhekk meħtieġ illi tiġi stabbilita proċedura biex issolvi, b'mod partikolari, il-kwestjonijiet li jistgħu jqumu fl-analiżi tar-riżultati tat-testijiet;

Billi d-disposizzjoni li s-semen, l-ova u l-embrijuni jridu jkunu trattati minn persunal approvat uffiċjalment li huwa kapaċi jipprovdi l-garanziji neċessarji għall-ksib ta' dan l-iskop aħħari;

Billi fid-dawl tal-kondizzjonijiet partikolari li jeżistu fil-preżent fi Spanja u fil-Portugal huwa meħtieġ li isir provvediment għall-perjodu itwal għall-impliementazzjoni ta' din id-Direttiva f'dawk l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, mingħajr preġudizzju għar-regoli tas-saħħa ta' l-annimali, m'hemm l-ebda projbizzjoni ta' jew ostaklu għal:

— l-aċċetazzjoni ta' majjali femminili ta' nisel pur għall-ifrat,

[1] ĠU L 382, tal-31.12.1988, pġ. 36.

— l-aċċetazzjoni ta' majjali maskili ta' nisel pur għal servizz naturali,

— l-użu ta' ova u embrijuni minn majjali femminili ta' nisel pur ta' l-ifrat..

Artikolu 2

1. L-Istat Membru ma jistax jipprojbixxi, jirrestrinġi jew ifixkel:

— l-aċċettazzjoni ta' l-inseminazzjoni artifiċjali fit-territorju tiegħu ta' nisel pur ta' majjali maskili għall-irfat ta' jew l-użu tas-semen tagħhom meta dawn l-annimali jkunu ġew aċċettati għall-inseminazzjoni artifiċjali fi Stat Membru fuq il-bażi ta' testijiet għas-sorveljanza ta' l-andament tagħhom u l-analiżi tal-valur ġenetiku li għandhom isiru skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/507/KEE [1],

— l-aċċettazzjoni għal testijiet uffiċjali ta' razza tal-majjali ta' nisel pur u l-użu tas-semen tagħhom fil-limiti kwantitattivi neċessarji għat-testijiet tas-sorveljanza ta' l-andament u l-analiżi tal-valur ġenetiku tagħhom li għandhom isiru skond id-Deċiżjoni 89/507/KEE mill-assoċjazzjonijiet jew l-organizazzjonijiet approvati uffiċjalment.

2. Billi l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 tista' twassal għan-nuqqas ta' qbil, partikolarment fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tat-testijiet, l-operaturi għandhom id-dritt li jfittxu l-opinjoni ta' espert.
Fid-dawl ta' l-opinjoni ta' l-espert, il-miżuri għandhom jiġu adottati fuq talba ta' Stat Membru b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4.

3. Ir-regoli ġenerali għall-paragrafu 2 implimentattiv għandhom, fejn meħtieġ, ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, mingħajr ħsara għar-regoli tas-saħħa ta' l-annimali, għall-*marketing*, is-semen, l-ova u l-embrijuni jkunu miġbura, trattati u maħżuna minn ċentru ta' approvazzjoni uffiċjali jew persunal approvat uffiċjalment.

Artikolu 4

Billi l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-Kumitat Permanenti fuq iż-Żookteknika, stabbilit b'Deċiżjoni 77/505/KEE [2], għandu jaġixxi b'mod konformi mar-regoli stabiliti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 88/661/KEE [3].

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex josservaw din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1991. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.
Madanakollu, r-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża għandu jkollhom perjodu addizzjonali taż-żmien ta' sentejn li fih għandhom iħarsu din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Marzu 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

J. WALSH

[1] ĠU L 247, tat-23.8.1989, pġ. 43.

[2] ĠU L 206, tat-12.8.1977, pġ. 11.

[3] ĠU L 382, tal-31.12.1988, pġ. 36.